# Mellieħa

## S.C. Football Nursery





www.melliehascfn.org

**2nd Annual Edition**

**Season 2011 - 12**



59, Triq G Borg Olivier, Mellieħa | Tel: 2152 3672 | insurance@gasanmamo.com | www.gasanmamo.com

GasanMamo Insurance Ltd hi awtorizzata mill-MFSA.

**Mellieħa SC Football Nursery**

Mellieħa Sports Complex
Triq Vincenzo Ciappara
Il-Mellieħa MLH 1760

*Tel:* (+356)21525845 *(Nursery Office)*
(+356)21523583 *(Sports Club)*

*Web:* www.melliehascfn.org
*E-mail:* melliehascfootballnursery@gmail.com

*Disinn tal-Faċċata*
**Vella John William**

*Bord Editorjali*
**Buttigieg John, Zammit Odette**

*Ġbir tar-Reklami*
**Zammit Odette, Abela Miriam, Ivan Cutajar, Borg Philip**

*Provi tal-Qari*
**Barbara Grazio, Buttigieg John**

*Ritratti*
**Stephen Gatt, Joseph Abela, Antoine Vella**

*Issetjat*
**Franklyn Cauchi**

*Stampat*
**A&M Printing - 2155 3217**

**© MELLIEĦA SC FOOTBALL NURSERY**

# WERREJ

| | |
|---|---|
| Editorjal | 3 |
| Messaġġ miċ-*Chairman* | 4 |
| Il-Kumitat tan-*Nursery* | 5 |
| Messaġġ mill-President | 7 |
| Lejla ta' Ċelebrazzjoni | 9 |
| It-Timijiet tal-*U/6* u tal-*U/7* | 10 |
| It-Timijiet tal-*U/8* u tal-*U/9* | 11 |
| It-Timijiet tal-*U/10* u tal-*U/11* | 12 |
| It-Timijiet tal-*U/12* u tal-*U/13* | 13 |
| It-Timijiet tal-*U/14* u tal-*U/15* | 14 |
| Riżultati tal-*APS Bank* tal-*U/15* | 16 |
| Riżultati tal-*APS Bank* tal-*U/17* | 18 |
| Riżultati tas-*Soccer Skills* | 20 |
| L-Istorja tan-*Nursery* | 28 |
| *Penalty Shoot Out* | 34 |
| *Best and Most dedicated players* | 38 |
| *Appreciating Winning* | 39 |
| *Jonathan Abela Memorial Festival* | 40 |
| *Joelan Vella Memorial Tournament* | 41 |
| Tifkiriet u Ħsibijiet | 49 |
| Nifirħu Lil... | 53 |
| *Soccer Skills & Techniques* | 54 |





# Messaġġ miċ-*Chairman*

## John Buttigieg

Bl-għajnuna ta' Alla wasalna fi tmiem ta' staġun ieħor. Nistgħu ngħidu li l-andament tal-ħidma tagħna fin-*nursery* kien wieħed pożittiv. L-impenji ma naqsux, għalkemm it-temp ta' din ix-xitwa ma tantx kien ħanin magħna, u b'xorti ħażina ħalla l-effetti tiegħu wkoll. Illum xtaqt nagħti ħarsa ħafifa għal dak kollu li wettaqna matul dan l-istaġun.

***Age Groups* mill-*Under 6* sal-*Under 12's*:** Dawn il-gruppi kellhom 2 sessjonijiet ta' taħriġ kull ġimgħa, għalkemm kif diġà għidt qabel kellna nuqqas ta' attendenza min-naħa tat-tfal minħabba l-maltemp. It-temp ġegħilna wkoll nillimitaw il-parteċipazzjoni tagħna f'dawk li huma *Fun Festivals*. Meta ħadna sehem it-tfal kollha kellhom l-opportunità li jilagħbu u jagħmlu ħbieb ġodda u l-aktar ħaġa, li fl-opinjoni tiegħi hija l-aktar waħda importanti, kienet li jitgħallmu juru rispett lejn il-plejers u d-diriġenti tat-timijiet. Kienu *festivals* li għenu fl-aspett edukattiv u soċjali tat-tfal. L-*Under 11's* u l-*Under 12's* ħadu sehem ukoll f'żewġ *festivals* organizzati mill-Y.F.A., b'diversi logħbiet *8-a-side* fi grawnds differenti.

***Age Group Under 13's:*** Din is-sena, għall-ewwel darba, il-Y.F.A. organizzat kampjonat bħal dak tal-*Under 15's* u l-*Under 17's*, għal dan l-*Age Group* ukoll. Dan il-grupp, taħt it-tmexxija tal-kowċ James Abela u l-assistent tiegħu Jesmond Abela, kien impenjat kull ġimgħa, b'logħba kompetittiva. Kienet l-ewwel esperjenza għal dan il-grupp ta' tfal li jilagħbu fi grawnd kbir, tal-*11-a-side*. Għalkemm ir-riżultati miksuba ma kinux daqstant pożittivi, l-esperjenza li ħadu minn dan il-kampjonat, żgur li se jsibuha s-sena d-dieħla, meta dawn l-istess tfal jilagħbu fil-kampjonat tal-*Under 15's*. Lill-kowċis u lit-tfal kollha tal-grupp ngħidilhom prosit tal-impenn tagħħom.

***Age Group Under 15's:*** Din is-sena t-tim tagħna ħa sehem f'Sezzjoni A tal-kampjonat ta' taħt il-15-il sena, organizzat mill-Y.F.A., wara li s-sena l-oħra ksibna l-promozzjoni għal din il-kategorija. Kif jiġri dejjem, minn dan il-grupp tlifna l-maġġoranza tal-plejers, peress li telgħu jilagħbu mal-*Under 17's*, għaldaqstant il-kowċ Michael Buttigieg u l-assistent tiegħu Glenn Buttigieg, kellhom biċċa xogħol iebsa li jibnu tim kompetittiv biex jilgħab kontra timijiet ferm ikkwotati minna. Ħafna mill-plejers li ffurmaw it-tim tal-*Under 15's* huma plejers li kienu qegħdin jilagħbu għall-ewwel darba f'dan il-livell. Għalkemm it-tim kiseb rebħa waħda, il-prestazzjonijiet, b'mod partikolari fit-tieni rawnd kienu inkoraġġanti. Nirringrazzjaw lill-kowċis u l-plejers li ffurmaw dan il-grupp, għall-impenn tagħħom. Nifirħilhom li ma qatgħux qalbhom u taw il-massimu ta' dak kollu li jafu. Kienu determinati u fuq kollox dedikati tul l-istaġun kollu. L-esperjenza li akkwistaw din is-sena żgur se tgħinhom għall-istaġun li ġej.

***Age Group Under 17's:*** Dan il-grupp, taħt it-tmexxija ta' Brian Bartolo u l-assistent tiegħu John Vella, nistgħu ngħidu li kellhom staġun pożittiv. Kellhom riżultati tajbin u spiċċaw mat-timijiet tan-naħa ta' fuq tal-klassifika ta' Sezzjoni B. Bi ftit aktar attenzjoni setgħu anke ġġieldu għall-promozzjoni. F'dan il-grupp insibu diversi plejers b'ċertu potenzjal, u jekk jibqgħu jieħdu l-affarijiet bis-serjetà jistgħu jkunu plejers li fil-futur qrib ikunu jiffurmaw parti mill-iskwadra tat-tim tal-kbar.

**Attivitajiet oħra:** Matul dan l-istaġun in-*nursery* tagħna ħadet sehem fil-proġett *Investing for the Future*, organizzat mis-Segretarjat għaż-Żgħażagħ u Sports, flimkien mal-Kunsill Malti għall-Isports u l-Y.F.A. Marbuta ma' dan il-proġett kellna żewġ taħdidiet, waħda għall-ġenituri u oħra għall-kowċis. It-tielet taħdita kienet il-*Biomechanical Screening Test* li kien jikkonċerna t-tfal tal-*Under 13's*. Il-ġenituri tat-tfal li ħadu sehem f'dan it-*test* kellhom kliem ta' tifħir għal din l-inizjattiva. F'Novembru kellna wkoll *seminar* għall-kowċis tagħna, fejn ħadu s-sehem is-Sur Robert Gatt, Direttur Tekniku tal-M.F.A., is-Sur Andy Weavill, kowċ rinomat ħafna u s-Sur Jareth Grima, mill-Aġenzija Sedqa.

Matul ix-xahar ta' Marzu kellna żewġ avvenimenti importanti fil-kalendarju tan-*nursery*. Nhar il-Ħadd 18 ta' Marzu, 2012, organizzajna għal darb'oħra l-attività tant mistennija mit-tfal - il-*Penalty Shoot Out*. Din is-sena ħsibna biex inbiddlu ftit il-*format* tagħħa, biex aktar tfal jieħdu sehem u tkun aktar divertenti. Din nistgħu ngħidu li hija l-unika attività ta' *fund raising,* li tgħinna bis-sħiħ biex nirkupraw ftit mill-ispejjeż tan-*nursery*. Nirringrazzja lill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, li għal darb'oħra offra l-kollaborazzjoni tiegħu f'din l-attività.

It-Tnejn 19 ta' Marzu 2012, festa pubblika, għad-disa' sena konsekuttiva ġie organizzat il-*Jonathan Abela Memorial*. Din is-sena kien għall-kategorija *Under 13's* u ħadu sehem it-timijiet mistiedna tal-Imġarr, il-Fgura u l-Melita. Irrid hawnhekk nirringrazzja lill-ġenituri ta' Jonathan u lis-sur Ray Galea għas-sapport li jagħtuna biex inkunu nistgħu norganizzaw dan it-*tournament*.

Għal darb'oħra nagħlaq dan il-messaġġ billi nagħti r-ringrazzjament tiegħi lil dawk kollha li qegħdin jagħtu s-sehem tagħħom lin-*nursery* tagħna, u nappella biex aktar ġenituri jieħdu interess f'dak kollu li tkun qegħda torganizza n-*nursery*. L-inkoraġġiment tagħkom jistimulana fil-ħidma tagħna u jgħinna biex dejjem nilqgħu l-isfidi li kull staġun kalċistiku jista' joffrilna.

Grazzi u nawgura ftit xhur ta' mistrieħ lit-tfal kollha u jalla jkollkom sajf sabiħ u divertenti.




Standing (L to R): **Borg Philip, Vella Joseph, Cutajar Ivan, Vella Michael.** Sitting (L to R): **Zammit Odette, Vella Saviour, Borg Chris, Buttigieg John, Xuereb Stephen, Abela Miriam.**

# Mellieħa SC Football Nursery

Honorary Chairman - **Alfred Bartolo**

## ADMINISTRATIVE COMMITTEE

Chairman & Administrator - **John Buttigieg**

General Secretary - **Chris Borg**
Financial Controller - **Stephen Xuereb**
Records & I.T. - **Miriam Abela**
Activities Coordinator - **Ivan Cutajar**

Parent Club Representative - **Saviour Vella**
Cashier & Activities Coordinator - **Odette Zammit**
Kit & Equipment Manager - **Michael Vella**
Asst Kit & Equipment Manager - **Philip Borg**

Stewards Coordinator - **Joseph Vella**


TONY'S
BAKERY
17, Triq il-Madonna tal-Ghar, Mellieha
Tel: 21523432


SFC
MELLIEHA
FILLET BURGER & FRIES
1 PIECE & FRIES
SFC CHICKEN WRAP & FRIES
3 HOT N FLAKEY WINGS & FRIES
DOUBLE CHEESE BURGER & FRIES
MAIN STREET
MELLIEHA
TEL: 21523103 / 79523103
www.southernfriedchicken.com
SOUTHERN FRIED Chicken
a simply lip licking favour


UNITED
BAR & RESTAURANT
1, Main Street, Mgarr, Malta. MST10
tel. +356 21572512 - mob. +356 79050283
web. www.united.com.mt



## Messaġġ mill-President

*Alfred Vella Borg*

# DAR ĠDIDA GĦAN-*NURSERY* TAL-*FOOTBALL*

Dejjem kien hemm il-kunċett li t-tfal ma nħalluhomx jitħalltu mal-kbar. Meta t-tfal qed inġibuhom fin-*nursery* rridu nagħmlu dak kollu possibbli biex kemm jista' jkun inżommuhom mill-attivitajiet tal-plejers il-kbar.

Normalment dan kien qed isir kemm minħabba l-ħinijiet differenti tat-*training*, kif ukoll minħabba li n-*nursery* diġà kellha, li għalkemm limitat fid-daqs, xorta kien biżżejjed biex jaqdi l-ħtiġijiet ta' kuljum tan-*nursery*.

Tliet snin ilu meta ġarrejna għall-kumpless il-ġdid, in-*nursery* ngħatat kamra biex tintuża bħala uffiċċju u b'hekk l-operat issa kien qed isir kollu mill-viċinanza tal-grawnd. Għalkemm dan l-arranġament kien u għadu jaħdem tajjeb, xorta waħda baqgħet tinħass il-ħtieġa u anke x-xewqa li n-*nursery* xi darba jkollha d-dar tagħha.

Kien għalhekk li mill-bidu nett li ppjanajna l-kumpless il-ġdid tal-*Mellieħa Sports Club*, waħda mill-prioritajiet kienet il-*premises* ġodda għan-*nursery* tal-*football*, u għalkemm ma kinitx inkluża fil-bini tal-ewwel fażi, ridna li nkunu ċerti li napplikaw għall-permessi mal-applikazzjoni tat-tieni fażi ta' dan il-kumpless. Dan il-permess issa nħareġ u għalhekk nistgħu nibdew nagħmlu l-preparamenti meħtieġa biex dan ix-xogħol ikun jista' jinbeda. Daqqa t'għajn ħafifa lejn il-pjanti ta' dan il-proġett juru li din id-dar għalkemm żgħira se jkun fiha l-ħtiġijiet kollha li għandha bżonn in-*nursery*. Bil-bieb prinċipali fuq Triq Qasam Barrani u mibnija separata mill-bini tal-*Club*, il-faċċata xorta se tkun tikkumplimenta mal-bqija tal-binja tal-kumpless kollu. Fis-sular terran li jiġi livell mal-grawnd insibu taraġ ċentrali fl-entratura, żewġ *changing rooms*, bil-faċilitajiet sanitarji u *showers* u kamra/*store* fejn jinżamm il-*kit*. Fis-sular ta' fuq insibu uffiċċji għaċ-*chairman* u s-segretarju, kif ukoll kamra fejn jista' jiltaqa' l-kumitat, filwaqt li fis-sular *semi basement* b'entratura minn ġol-grawnd hemm post fejn jista' jinżamm l-apparat kollu li jintuża min-*nursery*. Din hija l-isfida l-ġdida li għandna quddiemna. Sfida oħra biex inkunu nistgħu nkomplu nkabbru r-reputazzjoni tagħna bħala *club* organizzat sewwa. Dan il-proġett flimkien mal-parti ċentrali tal-kumpless, li wkoll ħarġu l-permessi u hemm il-ħsieb li titkompla, għandhom jgħaqqdu l-binja kollha u jagħmlu minn dan il-kumpless wieħed li jkun l-għira ta' ħafna f'Malta.



# MARIANNA STATIONERY

**Parish Square, Mellie˙a**
**2152 3468, 2152 2267**

*Book Binding & Covering,*
*Photocopying, Soft Toys,*
*Stationery, Haberdashery,*
*Household Goods,*
*Gifts, Pergamano*
*& Ganutell, etc...*




# SANTA MARIA SERVICE STATION



**CAR HIRE**
**CAR REPAIRS & SERVICING**
**BATTERY & TYRE SERVICING**
**NURAL PISTONS - WHEEL WEIG˙TS**
**CAR WASH - 24HRS**

*Prop: B & O Farrugia*

**MAIN STREET, MELLIEHA**
**TEL: 2157 3918**

# Imperial

## Band Club

**Ghall drinks u apetizers**
**genwini**
**nispecjalizzaw f'ikel**
**tradizzjonali Malti**

*Ghal Booking Cemplu*
**21523467 / 99224722**

# bottles&bottles

www.bottlesandbottles.com
WINE & SPIRITS
WHOLE SALE
& RETAIL OUTLET

**Joe Vella**

**Mob: 9947 4524**

Email: joe@bottlesandbottles.com
7, Triq l-Etna,
Mellieħa MLH2208

**Free Deliveries**

# Lejla ta' Ċelebrazzjoni

## 7 ta' Ġunju 2011

























*Standing left to right:* **Buhagiar Andrea, Fenech Jacques, Vella Warren, Cutajar Dejan, Deguara Gabriel, Micallef Hayden, Raywood Loma, Jackson Gabriel, Grima James (Asst Coach).**
*Squatting left to right:* **Cutajar Daniel, Borg Lydon, Sammut Lydon, Raywood Jake, Gauci Nigel, Jalloh Jamile, Fenech Nikolai, Holland Timothy.**




*Standing left to right:* **Grima James (Asst Coach), Farrugia Aiden, Sammut Samuel, Sant Craig, Muscat Jean Paul, Sciberras Zachary, Zammit Brendan (Coach).**
*Squatting left to right:* **Gauci Brooklyn, Grima Julian, Cutajar Reece, Pace Rio, Borg Aidan, Gauci Kieran, Mizzi Giles.**




*Standing left to right:* **Tonna Julian (Asst Coach), Zerafa Luca, Cini Alec, Mifsud Daniel, Camilleri Ryan, Scerri Daniel, Conti Matthias, Conti Gotthard (Coach).**
*Squatting left to right:* **Daif Aquilina Ismael, Cauchi Isaac, Gauci Nathan, Cauchi Miguel, Ciantar Emma, Farrugia Emilia, Galea Curmi Katarina, Cilia Craig.**




*Standing left to right:* **Borg Matthew (Asst Coach), Cini Andreas (Asst Coach), Farrugia Ben, Cutajar Isaac, Sammut Jeremy, Micallef Daniel, Houtzaager Adrian, Samaha Michael, Borg Julian, Cutajar Mark, Vella Aldo (Coach).**
*Squatting left to right:* **Farrugia Dean, Mifsud Miguel, Caruana Daniel, Cutajar Janik, Gauci Jamie, Mizzi Jordi, Borg Brian, Farrugia Mark, Ellul Justin.**




*Standing left to right:* **Mifsud Stephen (Coach), Camilleri Max, Bonnici Giuseppe, Galea Jack, Borg Christopher, Spiteri Davison Kieron, Cutajar Keith, Sant Kurt (Asst Coach).**
*Squatting left to right:* **Pereyra Alonso, Vella Thomas, Satariano Benjamin, Vella Matteo, Vella Matthias, Mifsud Luke.**




*Standing left to right:* **Borg Jean, Farrugia Gabriel, Tonna Ryan, Incorvaja Shawn, Balzan Isaac, Vella Daniel, Cutajar Andre', Vella Michael (Coach).**
*Squatting left to right:* **Vella Neil, Gauci Julian, Sciberras Owen, Bonanno Sean, Micallef Luca, Cauchi Luke, Mifsud Simon.**




*Standing left to right:* **Bartolo Nathan (Coach), Vella Thomas, Borg Isaac, Said Malcolm, Gauci Marco, Camilleri Jamie, Attard Mark, Dingli Giovanni, Duncan Kieran.**
*Squatting left to right:* **Farrugia Luke, Conti Gianluca, Goold Damien, Conti Miriana, Sammut Stevie, Borg Geert Lee, Sammut Andie.**




*Standing left to right:* **Abela Jesmond (Asst Coach), Caruana Luke, Xuereb Luke, Bonanno Kyle, Caruana Luke, Pace Paul, Agius Daniel, Borg Jake, Mari Matias, Dingli Giovanni, Magro James, Abela James (Coach).**
*Squatting left to right:* **Fenech Jonathan, Borg Steve, Conti Sergio, Sammut Stevie, Cutajar David, Vella Mattei, Galea Curmi Beppe, Borg Isaac, Micallef Michael.**




*Standing left to right:* **Galea Dean, Agius Daniel, Gambin Daniel, Vella William (Capt), Roberston Dean, Camilleri Luke, Grima Jamie, Vella Jack, Stellini Thomas, Cutajar Etienne, Grima Mark, Buttigieg Michael (Coach).**
*Squatting left to right:* **Messina Max, Xuereb David, Sant Thomas, Curmi Roberto, Debono Jean Pierre, Delia Carlo, Borg Neil, Cutajar Simon, Vella Matthew, Fenech David.**




*Standing left to right:* **Vella John (Asst Coach), Bartolo Mark, Cutajar Jonathan, Farrugia Jacob, Agius Julian, Fenech Izaak, Caruana Joseph, Bartolo Brian (Coach).**
*Squatting left to right:* **Debattista Jordan, Vella Jamie, Magro Jan, Farrugia Mark (Capt), Abela Matthew, Felipe (Guest Player).**


POPEYE VILLAGE
PLAYPOOL
BOAT TRIPS
ANIMATION SHOWS
ACTIVITIES & GAMES
MUSEUM
WATER TRAMPOLINES, POOLS & GAMES
www.popeyemalta.com
Tel.: 2152 4782/3/4
E-mail: info@popeyemalta.com

# APS BANK UNDER 15 SECTION A
# SEASON 2011/2012

## FIRST ROUND

**SUN. 25-09-2011 – Luxol Ground**
**MELLIEĦA vs PIETA H 0-6**

**SUN. 02-10-2011 – Luxol Ground**
**FLORIANA vs MELLIEĦA 11-0**

**SUN. 09-10-2011 – Mellieħa Ground**
**MELLIEĦA vs SAN ĠWANN 1-1**
**Scorer: Camilleri Luke.**

**SAT. 22-10-2011 – Melita Ground**
**PAOLA H vs MELLIEĦA 9-1**
**Scorer: Camilleri Luke.**

**SAT. 05-11-2011 – Sta Lucia Ground**
**ĦAMRUN vs MELLIEĦA 16-0**

**SAT. 03-12-2011 – Siġġiewi Ground**
**SLIEMA vs MELLIEĦA 1-0**

**THURS. 08-12-2011 – Luxol Ground**
**MELLIEĦA vs MELITA 0-3**

**TUES. 13-12-2011 – Luxol Ground**
**ST ANDREW vs MELLIEĦA 6-0**

**SAT. 14-01-2012 – Pembroke Ground**
**PEMBROKE vs MELLIEĦA 1-1**
**Scorer: Xuereb David.**

**SAT. 28-01-2012 – Mellieħa Ground**
**MELLIEĦA vs VALLETTA 0-5**

## SECOND ROUND



# RESULTS AND SCORERS

Information compiled by **Saviour Vella**



**SUN. 26-02-2012 – Luxol Ground**
**SAN ĠWANN vs MELLIEĦA 3-0**

**SUN. 04-03-2012 – Mellieħa Ground**
**MELLIEĦA vs PAOLA H 0-4**

**SAT. 10-03-2012 – Mellieħa Ground**
**MELLIEĦA vs ĦAMRUN 0-4**

**SUN.25-03-2012 – Luxol Ground**
**B'KARA vs MELLIEĦA 1-3**
**Scorers: Camilleri Luke (2); Stellini Thomas.**

**SUN. 01-04-2012 – Mellieħa Ground**
**MELLIEĦA vs SLIEMA 0-3**

**SUN. 15-04-2012 – Rabat Ground**
**MELITA vs MELLIEĦA 4-0**

**SUN. 22-04-2012 – Mellieħa Ground**

**SAT. 05-05-2012 – Mellieħa Ground**
**MELLIEĦA vs PEMBROKE 1-2**
**Scorer: Vella Jack (pen)**

**SAT. 12-05-2012 – Luxol Ground**
**VALLETTA vs MELLIEĦA 4-0**

## MELLIEĦA UNDER 15 RELEGATED TO YOUTH FOOTBALL SECTION B.

## GOOD EFFORT BOYS.

*Under 15's Squad for Season 2011/2012:*
**Agius Daniel, Borg Carl, Borg Neil, Bregman Jordan, Camilleri Luke, Cini James, Curmi Roberto, Cutajar Etienne, Cutajar Simon, Debono Jean Pierre, Delia Carlo, Farrugia Jack, Fenech David, Galea Dean, Gambin Daniel, Grima Jamie, Grima Mark, Mellish Thomas, Messina Max, Roberston Dean, Sant Thomas, Stellini Thomas, Vella Jack, Vella Mark, Vella Matthew, Vella William, Xuereb**



# APS BANK UNDER 17 SECTION B
## SEASON 2011/2012

### FIRST ROUND

**SUN. 04-09-2011 – Mellieħa Ground**
**MELLIEĦA vs BALZAN Y. 5-1**
**Scorers: Farrugia Mark; Cutajar Ryan(2) Agius Julian; Stellini Simon.**

**SUN. 11-09-2011 – Mosta Ground**
**SAN ĠWANN vs MELLIEĦA 4-1**
**Scorer: Farrugia Mark.**

**SAT. 17-09-2011 – Rabat Ground**
**MELLIEĦA vs DINGLI SW. 7-0**
**Scorers: Cutajar Ryan (3); Magro Jan; Farrugia Mark (2); Cutajar Jonathan.**

**SUN. 25-09-2011 – St Patrick Ground**
**B'BUGIA WM vs MELLIEĦA 0-4**
**Scorers: Camilleri Nathan (3); Cutajar Ryan.**

**SAT. 01-10-2011 – Mellieħa Ground**
**MELLIEĦA vs NAXXAR L 2-2**
**Scorers: Fenech Izaak; Cutajar Ryan.**

**SAT. 08-10-2011 – Sta Lucia Ground**
**TARXIEN vs MELLIEĦA 1-1**
**Scorer: Farrugia Mark.**

**SAT. 15-10-2011 – Mġarr Ground**
**QORMI vs MELLIEĦA 2-1**
**Scorer: Cutajar Ryan.**

**SUN. 30-10-2011 – Mellieħa Ground**
**MELLIEĦA vs MSIDA 3-1**
**Scorers: Farrugia Mark; Camilleri Nathan; Cutajar Ryan.**

**SAT. 12-11-2011 – Melita Ground**
**MELITA vs MELLIEĦA 0-2**
**Scorers: Farrugia Jacob; Cutajar Ryan.**

**SUN. 27-11-2011 Mellieħa Ground**
**MELLIEĦA vs ATTARD 2-2**
**Scorers: Farrugia Mark; Vella Jamie.**

### SECOND ROUND

**SUN.18-12-2011 – Żebbug Ground**
**BALZAN Y vs MELLIEĦA 0-4**
**Scorers: Cutajar Ryan (3); Cutajar Jonathan.**

**SUN. 08-01-2012 – Mellieħa Ground**
**MELLIEĦA vs SAN GWANN 2-3**
**Scorers: Farrugia Jacob; Cutajar Ryan.**



# RESULTS AND SCORERS

Information compiled by **Saviour Vella**



**SUN. 15-01-2012 – Rabat Ground**
**DINGLI SW vs MELLIEĦA 0-5**
**Scorers: Fenech Izaak (2); Cutajar Ryan (2); Farrugia Jacob.**

**SAT. 21-01-2012 – Mellieħa Ground**
**MELLIEĦA vs B'BUGIA WM 1-0**
**Scorer: Cutajar Ryan.**

**SUN. 29-01-2012 – Siġġiewi Ground**
**NAXXAR L vs MELLIEĦA 2-2**
**Scorer: Cutajar Ryan (2).**

**SUN. 05-02-2012 – Mellieħa Ground**
**MELLIEĦA vs TARXIEN 3-1**
**Scorers: Cutajar Ryan (2); Cutajar Jonathan.**

**SAT. 11-02-2012 – Mellieħa Ground**
**MELLIEĦA vs QORMI 1-2**
**Scorer: Cutajar Jonathan.**

**SAT. 25-02-2012 – Mellieħa Ground**
**MELLIEĦA vs MELITA 0-3**

**SUN. 31-03-2012 – Siġġiewi Ground**
**ATTARD vs MELLIEĦA 2-2**
**Scorers: Fenech Izaak; Cutajar Jonathan.**

**SUN. 15-04-2012 – Rabat Ground**
**MSIDA vs MELLIEĦA 1-2**
**Scorer: Cutajar Jonathan (2)**

**SCORERS: Cutajar Ryan – 21; Cutajar Jonathan – 7; Farrugia Mark -7; Camilleri Nathan – 4; Fenech Izaak – 4; Farrugia Jacob – 3; Agius Julian – 1; Magro Jan – 1; Stellini Simon - 1; Vella Jamie – 1.**

**MELLIEĦA UNDER 17 RETAINED THEIR PLACE IN YOUTH FOOTBALL SECTION B.**

**WELL DONE BOYS. WELL DONE COACHES.**

*Under 17's Squad for Season 2011/2012:* **Abela Matthew, Agius Julian, Bartolo Mark Anthony, Bellia Ben, Borg Christian, Borg Roberto, Camilleri Nathan, Caruana Joseph, Caruana Spencer, Cutajar Jonathan, Cutajar Ryan, Farrugia Jacob, Farrugia Mark, Fenech Izaak, Magro Jan, Shoobert Lewis, Sliti Ala Edine, Stellini Simon, Vella Jamie, Xuereb Mitchell.**
*COACH:* **BARTOLO BRIAN.**
*ASST COACH*: **JOHN VELLA.**



# Soccer Skills Festival – Results 8th December 2011



## UNDER 6:

**RUNNING WITH THE BALL (STRAIGHT)**
1. Borg Cody.
2. Deguara Gabriel.
3. Micallef Hayden.

**DRIBBLING (STRAIGHT)**
1. Jamile Jalloh.
2. Vella Warren.
3. Fenech Jacques.

**SPEED (STRAIGHT)**
1. Micallef Hayden.
2. Jamile Jalloh.
3. Vella Warren.

**OVERALL WINNER:**
Jamile Jalloh.

**RUNNER UP:**
Micallef Hayden.



## UNDER 7:



**RUNNING WITH THE BALL (STRAIGHT)**
1. Mizzi Giles.
2. Sciberras Zach.
3. Pace Rio.

**DRIBBLING (STRAIGHT)**
1. Sciberras Zach.
2. Pace Rio.
3. Cutajar Reece.



**SPEED (STRAIGHT)**
1. Mizzi Giles.
2. Pace Rio.
3. Muscat Jean Paul.



**OVERALL WINNER:**
Mizzi Giles.

**RUNNER UP:**
Pace Rio, Sciberras Zach.




## UNDER 8:

**RUNNING WITH THE BALL (STRAIGHT)**
1. Cilia Craig.
2. Conti Matthias.
3. Mifsud Daniel.

**DRIBBLING (STRAIGHT)**
1. Conti Matthias.
2. Cilia Craig.
3. Cauchi Isaac.

**SPEED (STRAIGHT)**
1. Conti Matthias.
2. Cilia Craig.
3. Ciantar Emma.

**OVERALL WINNER:**
Conti Matthias.

**RUNNER UP:**
Cilia Craig.







## UNDER 9:

**RUNNING WITH THE BALL (STRAIGHT)**
1. Cutajar Isaac.
2. Caruana Daniel.
3. Borg Julian.

**DRIBBLING (STRAIGHT)**
1. Mifsud Miguel.
2. Vella Daniel.
3. Borg Julian.

**SPEED (STRAIGHT)**
1. Borg Brian.
2. Mizzi Jordi.
3. Cutajar Isaac.

**OVERALL WINNER:**
Cutajar Isaac.

**RUNNER UP:**
Mifsud Miguel.






## UNDER 10:

**RUNNING WITH THE BALL (STRAIGHT)**
1. Galea Curmi Giovanni.
2. Vella Matteo.
3. Vella Matthias.

**DRIBBLING (SLALOM)**
1. Galea Curmi Giovanni.
2. Vella Matteo.
3. Vella Matthias.

**SPEED (SLALOM)**
1. Galea Curmi Giovanni.
2. Galea Jack.
3. Vella Matteo.

**OVERALL WINNER:**
Galea Curmi Giovanni.

**RUNNER UP:**
Vella Matteo.






## UNDER 11:

**RUNNING WITH THE BALL (STRAIGHT)**
1. Borg Jean.
2. Cauchi Luke.
3. Vella Daniel.

**DRIBBLING (SLALOM)**
1. Cutajar Andre’.
2. Borg Jean.
3. Vella Daniel.

**SPEED (SLALOM)**
1. Borg Jean.
2. Tonna Ryan.
3. Vella Daniel.

**OVERALL WINNER:**
Borg Jean.

**RUNNER UP:**
Vella Daniel.






## UNDER 12:

**RUNNING WITH THE BALL (RETURN)**

1. Sammut Stevie.
2. Conti Miriana.
3. Bonanno Sean.

**DRIBBLING (SLALOM)**

1. Conti Miriana.
2. Borg Geert Lee.
3. Conti Gianluca.

**SPEED (SLALOM)**

1. Borg Geert Lee.
2. Conti Gianluca.
3. Sammut Stevie.

**OVERALL WINNER:**
Conti Miriana.

**RUNNER UP:**
Sammut Stevie.





## UNDER 13:

**RUNNING WITH THE BALL (RETURN)**

1. Micallef Michael.
2. Caruana Luke (GK).
3. Vella Mattei.

**DRIBBLING (SLALOM)**

1. Vella Mattei.
2. Micallef Michael.
3. Borg Isaac.

**SPEED (SLALOM)**

1. Vella Mattei.
2. Caruana Luke (GK).
3. Pace Paul.

**OVERALL WINNER:**
Vella Mattei.

**RUNNER UP:**
Caruana Luke (GK).




Kurt's
Discount
Store
DISCOUNTED Prices on
all ITEMS
Opening Hours
Mon - Sat:
6.15 - 19.00
Sun:
7.00 - 12.00
12 Main Street
Mellieha
Mob: 9927 0088
Tel: 21520665
FREE DELIVERIES


Nikon
D200
Silhouette
Photo Studio
70,Main Str.,
Mellieha.
Tel.21520016


Cash & Carry
Tel: 21524685 80A, Main Street, Mellieħa
Special Offers!
Vast range of
top-brand products
at super-saver prices!
Perfumes
Baby Products
Skin Care
Toiletries
Detergents
Cleaning Equipment
Car Care Products
Washing Liquids & Powders
... and much, much more!
Phone Orders
are accepted!
Free
Deliveries!
Opening Hours: Mon - Fri: 08:30 - 13:00 & 15:30 - 19:00
Thursday: 08:30 - 19:00
Saturday: 08:30 - 14:00


Sea View Bar
Tea, Coffee & Snacks
Enjoy
the
view
Triq is-Santwarju - Mellieħa (behind Church)
Call: 2152 4008 / 7960 4944


A.F. SKIP HIRE
Mellieha
Toni
Crane Hire
Mob: 9925 3837
9935 3837
HIRE A SKIP 9925 3837



Olivia-Ann Calleja
Lic A&B,LET Dip.(Lond), ILE Dip.(Birm), PLDA

LIGHTING & INTERIOR DESIGNER

Tel: +356 2701 7071
Fax: +356 2141 7866
Cell: +356 7999 5995
olivia@professionallightingdesign.com
www.professionallightingdesign.com

Green Valley

THE DISCOUNT STORE
WITH DAILY
FRESH FRUIT & VEGETABLES
WE OPEN ALL DAY AND OFFER
FREE DELIVERIES
PARKING NOT A PROBLEM
TRIQ IL-FORTIZZA MELLIEHA
(NEAR ARRIVA BUS TERMINUS)
Tel:21520080 Mob: 79051574
Email: greenvalley.ra@gmail.com

www.driftercarhire.com drifter@dritercarhire.com

drifter
24 hour service



to redeem voucher
call +356 2152 3535
& quote voucher 1

€5
voucher on all
cab / minibus service
airport transfers

only one voucher redeemable per booking. voucher must be presented to driver. voucher cannot be exchanged for cash

g.b. olivier str., mellieha mlh 1022 malta t: +356 2152 3535 - m: +356 7949 2069


Giuseppi's Wine Bar
Borg Olivier Str. Mellieha
t. 21574882 , 9949 3579


IR-RAZZETT
FRESH FRUIT & VEGETABLES
FREE DELIVERIES
244, Main Street,
Mellie`a - Malta
Tel: 2152 1473


DRIFTER
Stationery, Toys, Gifts,
Card Gallery,
Spiral Binding & Lamination.
COLOUR PHOTOCOPYING
Now Also Instant Digital Photos,
Passport Photos,
Transfer of Photos from Chip to CD.
G. Borg Olivier Str, Mellieha
Tel: 21 521859

# L-Istorja tan

Informazzjoni miġbura miċ

## Staġun 1989/90
## It-Twelid tan-*Nursery*

Il-preparamenti biex titwaqqaf il-Mellieħa SC Football Nursery bdew fil-bidu tas-sena 1990, meta l-kumitat tal-Mellieħa SC innomina lis-sur Alfred Bartolo bħala *Chairman* tal-kumitat tan-*Nursery*. L-ewwel laqgħa nżammet proprju fid-29 ta' Jannar 1990. F'din il-laqgħa tfasslu l-għanijiet li għalihom twaqqfet in-*nursery* u fl-istess laqgħa ġie deċiż li t-tfal li jirreġistraw iridu jkunu 'l fuq minn 8 snin u jiġu mqassma f'erba' *Age Groups*: minn 8 sa 10 snin, minn 10 sa 12-il sena, minn 12 sa 14-il sena u minn 14 sa 16-il sena. L-affiljazzjoni tat-tfal kienet bla ħlas u għaldaqstant il-Kumitat tan-*Nursery* kien jiddependi għal kollox mill-Kumitat tal-Mellieħa SC biex jkun jista' jinxtara l-apparat meħtieġ u jitħallsu l-ispejjeż tal-amministrazzjoni.

L-ewwel Kumitat Amministrattiv tan-*Nursery* kien magħmul minn: *Chairman* – Alfred Bartolo, Segretarju – Carmel Vella, Kaxxier – Charles Fenech, P.R.O. – Ronald Vella, *Equipment Officers* – Anton Vella u Victor Muscat. Aktar tard ingħaqad ukoll fil-kumitat Joseph Muscat.

Kowċis li wkoll kienu jifformaw parti mill-kumitat kienu: Gaetano Buttigieg, John Buttigieg, Joseph Cauchi, Salvu Vella, Sunny Abela, Dennis Fenech, Ronald Vella u Attila Szonye.

Alfred Bartolo kien ukoll kowċ fl-assenza ta' Attila Szonye.



***Alfred Bartolo - Chairman 1990 - 2008***



***Eddie Camilleri - President meta twaqqfet in-Nursery***

L-inawgurazzjoni saret nhar il-Ħadd 11 ta' Marzu, 1990 fil-grawnd tal-Mellieħa. Saru diskorsi miċ-*chairman*








tan-*nursery* u mill-President tal-Mellieħa SC. Sar ukoll diskors minn Kevin Vella f'isem sħabu t-tfal l-oħra.

In-numru ta' tfal reġistrati fl-ewwel staġun kien ta' 155 li ġew imqassma f'7 gruppi u kull grupp kellu kulur.

Grupp A u Grupp B minn 8 sa 10 snin. Kulur abjad. Kowċis John Buttigieg u Sunny Abela rispettivament.



Grupp C u Grupp D minn 10 sa 12-il sena. Kulur isfar. Kowċis Gaetano Buttigieg u Ronald Vella rispettivament.

